L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iġġib 'il quddiem
il-qagħda tal-Malti bħala lsien
nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## PROĠETT UNIKU FIĊ-ĊENTINARJU TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI

L-ewwel ċentenarju tal-Akkademja tal-Malti – fil-bidu magħrufa bħala l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti – qed niċċelebrawh billi fost l-oħrajn infakkru r-raġuni ewlenija tat-twelid tagħha, jiġifieri biex tistabbilixxi l-alfabett tal-Malti. Qabel *l-alfabett tal-Għaqda*, kif kien magħruf fil-bidu, kull kittieb kien jagħżel l-alfabett li jrid. Dan wassal għal varjazzjonijiet ta' alfabetti tal-Malti, meta l-Malti minn ilsien mitkellem biss f'daqqa waħda sab ruħu għall-ewwel darba stampat fil-kotba u mgħallem fl-iskejjel.

Għal xi wħud, dawn il-varjazzjonijiet kollha kienu jfissru biċċa wġigħ ta' ras kbira għat-tfal tal-iskola. Għalina, illum, din il-varjazzjoni fl-alfabetti mhux biss hija t-tikketta li sikwit tidentifika l-awturi tagħhom, imma turi wkoll il-kreattività ta' dawn il-kittieba li minn naħa riedu jippruvaw iżommu l-identità tal-Malti u minn naħa oħra riedu jżommu l-Malti kemm jista' jkun sempliċi.

Dawn l-alfabetti llum m'għadhomx jintużaw u ħafna mill-ittri tagħhom ma jinstabux fil-kompjuters tagħna. Dan il-vojt wassal biex diversi studjużi, fosthom l-istudenti universitarji tal-Malti, ħabbtu wiċċhom mal-problema tat-traskrizzjoni tal-Malti l-antik u ta' sikwit kien ikollhom jittraskrivu kollox bl-alfabett modern.

Illum l-Akkademja tal-Malti qiegħda tippreżenta l-ittri kollha tal-alfabetti l-antiki tal-Malti b'mod diġitalizzat u jistgħu jitniżżlu mis-sit uffiċjali tal-Akkademja tal-Malti u kulħadd jista' jużahom b'xejn. L-Akkademja tal-Malti tirringrazzja lis-Sur David Agius Muscat, membru tal-Kunsill tal-Akkademja, li ħa ħsieb dan il-proġett.

14 ta' Novembru 2020

12, App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant'Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademja.org

fb.com/akkademjatalmalti

www.akkademjatalmalti.org